MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2008

Numru 1010/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Giuseppe Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Giuseppe Azzopardi ta' 50 sena bin il-mejjet Saviour u l-mejtha Francesca nee' Bugeja imwieled Lija Malta fis-17 ta' Ottubru 1955 u joqghod 56 Triq il-Musbieh Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 753355(M).

Billi huwa akkuzat talli f'Awissu 2006 u fix-xhur immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, appropja

ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha depozitu ta' madwar Lm4000 ghad-detriment ta' Alfred Falzon u martu, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 30 ta' April, 2008 (Ara fol. 50 tal-Process) u nnutat li l-imputat Giuseppe Azzopardi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mibghuta fost artikoli ohra mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 30 ta' April, 2008, iddikjara li stante li m'hemmx oggetti esebiti li huma soggetti ghall-konfiska u stante li ma gewx inkorsi spejjez ta' Esperti mahtura mill-Qorti, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-imsemmija Nota tieghu datata 30 ta' April, 2008.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tad-difensur tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u PL Noel Bianco ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li fis-Seduta tal-10 ta' April, 2008, l-istess PL Noel Bianco ghall-imputat, seduta stante, kien ghadda lil Dr Martin Fenech konsulent legali tal-parte civile, cheque ta' Ewro 9318 ekwivalenti ghal madwar Lm4000 u wiehed u ghoxrin centezmi rigward is-somma ta' Lm4000 indikata fl-akkuza migjuba kontra l-imputat f'din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Giuseppe Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u PL Noel Bianco ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li fis-Seduta tal-10 ta' April, 2008, l-istess PL Noel Bianco ghall-imputat, seduta stante, kien ghadda lil Dr Martin Fenech  konsulent legali tal-parte civile, cheque ta' Ewro 9318 ekwivalenti ghal madwar Lm4000 u wiehed u ghoxrin centezmi rigward is-somma ta' Lm4000 indikata fl-akkuza migjuba kontra l-imputat f'din il-kawza, tillibera lill-imputat Giuseppe Azzopardi taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor  fi zmien sentejn (2) millum.

Inkwantu ghat-talbiet tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-Nota tieghu datata 30 ta' April, 2008, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija talbiet kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-Nota tieghu datata 30 ta' April, 2008.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Giuseppe Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------